MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Numru 157/2003

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS GALEA SCANNURA
VS
ANTONIA MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Antonia Muscat, ta’ 46 sena, bint Michael Aquilina u Antonia nata Sghendo, imwielda Haz-Zebbug fit-23 ta’ Settembru 1956 u residenti Hubbard Flats, Blokk 8 Flat 8 Triq Alessandra Bormla detentura tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 644356(M).

Illi hija akkuzata talli fil-31 ta’ Jannar 2003 f’Hal Qormi, ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija izjed minn hamsin Lira u inqas minn hames mitt Lira Maltin u saret fuq il-bieb tad-dar ta’ Abram Grima ghad-dannu ta’ l-istess Abram

Grima ai termini ta’ l-artikolu 325 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u ta’ l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ispettur Galea Scannura jirrizulta illi fl-istqarrija taghha, l-imputata ammettiet li xehtet iz-zebgha fuq bieb ta’ barra propjeta’ ta’ zewgha li mieghu kellha hajja ta’ inkwiet perpetwu. Din l-istqarrija giet ezebita a fol.18. Fl-istess stqarrija l-imputata, tghid li zewgha seraqha u ghadu lest li jerga’ jingannaha sabiex jikseb id-dar residenzjali taghha u li ma kinitx preparata taghmel tajjeb ghal hsara.

Il-hsara in kwistjoni tammonta ghal Lm69.00 (ara Dok.GA4 fol.19).

PS 160 Mario Mifsud kkonferma r-rapport ta’ Abraham Grima fuq il-mara tieghu, l-imputata, u ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS a fol.22.

L-imputata xhedet u tat rakkont ta’ hajja matrimonjali, infern u ddikkjarat illi zewgha, l-kwerelant, kien jsawwatha ta’ kuljum u jibdilha minn taht ghajnejha u jhajjar lil tal-familja jisirqu ghalih. Antonia Muscat ikkonfermat illi illum il-gurnata hija tghix separatament minn ma’ zewgha.

Ikkonsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-istatus ta’ l-imputata kif rikjest fil-kamp kriminali billi naqset li tezebixxi

(jekk din tezisti fir-realta') sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni jew sentenza ta' annullament ta' zwieg bejn l-imputata u zewgha.

Illi f'mankanza ta' tali prova jiskatta l-applikabilita' ta' l-Artikolu 331 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

*"Except in the cases referred in Articles 316, 317 and 318, no criminal proceedings may be instituted except on the complaint of the injured party for offences committed against the property of any descendant or relative by affinity in the descending line or the husband or wife, unless such offences are accompanied with homicide, bodily harm or confinement of the person or with a threat to kill or inflict bodily harm."*

Illi f'mankanza ta' provi dwar reati ta' omicidju, offizi ta' natura gravi, jew sekwestru tal-persuna jew theddid dwar l-ewwel tnejn indikati, ebda proceduri kriminali ma setghu jigu nstitwiti kontra l-imputata.

Il-Qorti ghalhekk ssib lill-imputata, Antonia Muscat, mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------